MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1017/2001/1

**AX (Construction) Limited.**

**-vs-**

**Joseph Satariano u b'digriet tas-27 t'Ottubru, 2003 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Roger Satariano & Son Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

1. Illi l-konvenut Joseph Satariano inkariga lis-socjeta' attrici taghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni u fornitura ta' materjali fi Blokk bini fi Triq Stella Maris, San Pawl il-

Bahar, u dan a tenur tal-kuntratt li kopja tieghu esebita Dok “A”;

2. Illi fadal bilanc dovut lis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hamest elef tlett mija u sitta u sebghin Lira Maltin wiehed u erbghin centezmu (Lm5,376.41) ghar-ragunijiet premessi;

3. Illi il-konvenut arbitrarjament u minghajr gustifikazzjoni applika certi tpacijiet (*set-offs*), meta fil-fatt l-ammont li tpaca ma kienx dovut mis-socjeta’ attrici u ghalhekk il-konvenut arrikka ruhu ingustifkatament;

4. Ghalhekk illi l-ammont ta’ hamest elef tlett mija u sitta u sebghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm5,376.41) huwa dovut a tenur tal-kuntratt tal-partijiet u ghaliex il-konvenut arrikka ruhu indebitament.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef tlett mija u sitta u sebghin Lira Maltin wiehed u erbghin centezmu (Lm5,376.41) ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax mill-iskadenza tal-pagament u bir-riserva ta’ kull dritt jew azzjoni fil-Ligi.

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Angelo Xuereb, I.D. 494652 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-8 ta’ Ottubru, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament l-eccipjent m’huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont m’hu dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tas-27 ta’ Ottubru, 2003 li permezz tieghu giet imsajjha fil-kawza s-socjeta’ Roger Satariano and Sons Limited.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ta’ l-istess socjeta’ imsejjha fil-kawza u cioe’ dik tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher is-socjeta’ imsemmija qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta’ sentejn skond l-Artikolu 1027 u 2149 (A) tal-Kapitolu 12. L-ewwel wahda hija dwar hlasijiet mhux dovuti (jew hlas ta’ *in debitum*) u l-ohra tolqot l-azzjonijiet ta’ kuntratturi tal-bini. It-tnejn jippreskrivu meta jghaddu sentejn, l-ewwel wahda minn meta l-attur jinduna bl-izball u t-tieni wahda skond ir-regoli generali dwar il-preskrizzjoni u cioe’ minn meta tista’ ssir l-azzjoni. Billi f’dan il-kaz is-socjeta’ attrici ntavolat il-kawza fil-5 ta’ Gunju, 2001 u s-socjeta’ eccipjenti giet imdahhla fil-kawza f’Ottubru 2003 huwa car illi *prima facie* ghaddew iktar minn sentejn f’kull kaz.

Il-kaz inqala’ ghaliex l-atturi fittxew lill Joseph Satariano personalment u kien meta dan eccepixxa illi ma kienx il-legittimu kontradittur li l-atturi talbu li s-socjeta’ in kwistjoni tiddahhal fil-kawza. Fil-frattemp ghaddew iktar minn sentejn li fihom ma jidhirx li huma nterrompew il-preskrizzjoni b’xi mod iehor. Naturalment wiehed irid jara t-termini tac-citazzjoni biex jara jekk il-perjodi preskrittivi japplikawx.

Is-socjeta’ attrici qed tghid zewg affarijiet fic-citazzjoni; li hija ghamlet xoghol ta’ kostruzzjoni u li tieghu baqghalha tithallas bilanc u li l-konvenut applika xi tpacijiet ingustifikati ghaliex parti mill-hlas kellhu jsir b’dan il-mod *stante* li l-konvenut jew is-socjeta’ imsejjha fil-kawza skond kif irid jirrizulta, kellha tforni xi materjal lill-atturi. Ghalhekk isostnu l-atturi, il-konvenut arrikixxa ruhu. Kwindi fil-waqt li s-sors tal-azzjoni kienet il-kuntratt li hija ghandha mal-konvenuti jew min minnhom is-socjeta’ attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq kreditu li l-istess konvenuti arrogaw ghalihom (dejjem skond l-atturi) u allura ma hallsuhomx il-bilanc.

Il-Qorti ssibha difficli tifhem, f’dan l-istadju, ghaliex l-atturi qaghdu jghidu dan kollu ghaliex fil-verita’ kull ma kellhom jghidu fic-citazzjoni kien li l-konvenut ma hallashomx il-bilanc u kellu jkun imbaghad il-kompitu tal-konvenut jipprova li ma ghandu jaghti xejn. Madankollu billi ghadha ma semghetx provi fuq dan m’hijiex ser tikkumenta iktar. Ghar-ragunijiet allura li jridu jirrizultaw l-atturi uzaw kliem li juri li qed jallegaw arrikkament ingustifikat u ghalhekk l-azzjoni *de in rem verso*. Huwa stabbilit li l-preskrizzjoni ghal din l-azzjoni hija ta’ hames snin. Naturalment billi l-konvenut eccepixxa li ma jirrizultawx l-estremi taghha dan ghad irid jigi ukoll stabbilit. Indubbjament pero’ l-perjodu preskrittiv ghadu ma ghaddiex f’dan ir-rigward ghaliex il-kwistjoni nqalghet f’April tas-sena 2001.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' msejjha fil-kawza u tordna li l-kawza titkompla.**

**Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------